FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

15 ta' Mejju 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tnejn u Tletin (32) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tnejn u Tletin (32) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 7 ta' Mejju 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Evalwazzjoni ta` Offerti
   i. FLC/T/2/14 - Collection of Mixed Household Waste
   ii. FLC/T/3/14 - Kiri tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V
10. Inventarju tal-Assi tal-Kunsill
11. Vandalizmu fic-Centru Rikreattiv Re Gorg V
12. Bankijiet ta Fuq il-Fosos (Indipendenza)
13. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V
15. Master Plan ghall-Floriana
16. Hlas mill-Awtorita` tad-Djar ghal xoghol imwettaq mill-Kunsill
17. Pavimentar ta' Gnien il-Mall
18. Fondi mill-Unjoni Ewropeja
19. Parkeggi
20. Bankini u Asfaltar Balzunetta
21. Isle of MTV
22. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tnejn u Tletin (32) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili attendiet wara materja nru 1.2.**
**L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh ma setax ikun prezenti minhabba ragunijiet ta` studju.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-wiehed u tletin (31) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

**Nota: Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili attendiet ghal-laqgha.**

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.7 li ghandha taqra "...xi zewg kompjuters".

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.5 Il-minuti msemmija f'1.2 gew approvati wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano bir-rizulta kien:

Favur: 4 (VB, ET, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

1.6 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.1 (31) u saqsiet jekk kienetx inzammet il-laqgha. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-laqgha kienet inzammet Kastilja fejn il-Kunsill kien informat li ma kellhomx jinghataw permessi ghall-gabbani fix-xatt kollu (Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra) u fit-Telgha tal-Kurcifiss.

2.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja precedenti fejn informa li hu kien prezenti ghal-laqgha li nzammet mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn ukoll gew diskussi l-gabbani. Huwa kompla billi qal li saqsa jekk kienx hemm oggezzjoni li jinhargu permessi ghall-gabbani u l-Pulizija kienu nformaw li l-ahjar post li jinhargu permessi ghall-gabbani kien fiz-zona ta Pjazza Sir Luigi Preziosi.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.3 (31) u saqsiet jekk il-kuntrattur tal-gbir ta' skart goff kienx irregolarizza l-pozizzjoni tieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s'issa kien ghadu ma pprovdiex id-dokumenti mitluba izda kien informah li kien ser iressaq rikjesta ghall-approvazzjoni ta' vettura gdida. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformah li jekk mhux ser jirregolarizza ruhu, kien ser jiehu l-passi kollha necessarji.

**Nota: 17:38 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.7 (31) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien qed jistenna risposta minghanda l-individwu li nformah li ghandu jkellmu sal-ahhar ta' dik il-gimgha.

**Nota: 17:40 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.8 (31) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghadu jrid jikkuntattja lill-Malta Scouts Association.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.11 (31) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kienet intbaghtet ittra legali lill-GreenMT.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.12 (31) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-applikazzjoni ghal din l-iskema kienet intbaghtet u ghalhekk issa wiehed ghandu jistenna risposta.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.14 (31) u nforma li hu kien gie kkuntattjat minn enforcement officer tal-Lands Department u kien informat li kienu waslu biex johorgu s-sejhiet ghall-offerti.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.15 (31) u saqsa jekk kienx hemm risposta. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghand il-V18.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.11 (31) u saqsa kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku wiegeb li din il-materja qeghda fuq l-agenda u ghalhekk ghandha tigi diskussa f'waqtha.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.12 (31) u saqsa kienx inghata permess. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb fin-negattiv.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.14 (31) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien informa lill-Perit sabiex iressaq l-oggezzjoni tal-Kunsill.

2.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.6 (31) u saqsa lis-Sindku jekk kienx ghamel kuntatt mal-operaturi tal-bring-in sites. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb fin-negattiv izda qal li ghandu jaghmel dan mill-aktar fis possibli.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Let's do it! Mediterranean u talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jispjega f'iktar dettall. Il-Vici Sindku spjega li dan il-grupp kien holoq inizjattiva sabiex jaghmel clean-up day f'diversi lokalitajiet li wahda minnhom hija l-lokalita' tal-Floriana. Huma pproponew lill-Kunsill sabiex joffrilhom xi suggerimenti ta' fejn hemm bzonn jitnaddaf, kif ukoll li joffrilhom taghmir biex jahdmu. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li t-tindif necessarju ghandu jsir fi Pjazza Papa Gwanni XXIII kif ukoll qabel li ghandu jipprovdi it- taghmir ta' tindif li jista'.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba ghall-permess ghal ice show fil-parking ta' magenb il-Fosos. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-

entitajiet kollha kkoncernati.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq rapport dwar cat feeder li qed titma' l-hamiem mill-gallarija minkejja li dan imur kontra l-bye-law tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi d-dettalji kollha tal-individwu lill-gwardjani lokali.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Regjun Xlokk rigward diversi progetti fil-kunsilli lokali. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi l-kummenti tieghu sal-ahhar tal-gimgha.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Karl de Flavia fejn ilmenta rigward il-fatt li kien hemm xi gabbana armata quddiem il-bieb tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Hu talab ukoll hlas ghall-danni. Is-Sinkdu irrimarka li seta gie evitat l-allokazzjoni tal-posta hdejn il-bieb tal-gnien. l-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb l-ittra tal-kuntrattur ghat-talba ghall-danni, fejn jinformah li ghalkemm jifhem l-ilment, li t-talba ghad-danni hija infondata.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand studenta li talbet li taghmel uzu mis-sala tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li m'ghandux izomm it-tariffa tal-kirja izda li l-persuna ghandha thallas biss it-tariffa ta' min ikun ser jassisti ghall-ftuh tal-bini tal-Kunsill.

**Nota: 17:59 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-permess tal-MEPA fi Triq is-Suq u talbet lill-kunsillier responsabbli sabiex jivverifika u jiccekkja r-rakkomandazzjonijiet tal-konsulenti tal-Kunsill.

**Nota: 18:01 Is-Sindku Nigel rega' attenda ghal-laqgha.**

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku f'hiex kien wasal il-Kunsill sabiex jimpjega impjegat gdid. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ser jipprezenta rapport iktar tard.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx ser jaghmel mobile toilets taht il-Forka bhalma soltu jsir ghall-granet tas-Sajf. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kellux lista ta' gibjuni u mini fil-lokalita'. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ma kellux din l-informazzjoni izda jidhirlu li t-taqsima tad-divizjoni tax-xogholijiet kellhom din il-lista. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jistaqsi lill-Perit Ray Farrugia jekk ghandux dan l-elenku.

4.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku ghalfejn kienet imbattla l-funtana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u jekk kinietx giet irrangata l-pompa. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li ma kienx jaf u li kien ser jistaqsi lill-kunsillier innifsu jekk kienx sar dak li gie mitkellem fil-laqgha mal-kuntrattur. Il-Kunsillier Borg wiegeb li kellu jivverifika mal-kuntrattur dwar dan.

**Nota: 18:04 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku jekk gewx ordnati s-sigar taz-zebbug. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kienu ghadhom ma gewx ordnati.

4.7 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lis-Sindku li kienu qed johorgu l-grieden minn Binja Vilhena. Is-Sindku wiegeb li dan ir-rapport kellu jghaddi lis-Sanita'.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgha tas-Sottokumitat tal-ordni pubblika, harsien tac-cittadin u relazzjonijiet mal-Pulizija.

5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk is-sejha ghall-offerti tal-latrina ta' Bieb il-Bombi u saqsa jekk din kinietx tinkludi wkoll il-kiosk li hemm magenbha. Is-Sindku wiegeb fin-negattiv minhabba li l-Kunsill kellu ir-responsabbilta' biss tal-latrina izda mhux tal-kiosk.

5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qara xi punti li qamu matul il-laqgha tas-sottokumitat, tali suggerimenti qed jigu annessi mal-minuti.

5.4 Il-Kunsillier Borg semma li s-Supretendent kien semma li kien hemm impjegati li jharsu l-gonna tal-Belt Valletta u dan kien jghin sabiex jitnaqqas il-vandalizmu. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika ta' min kienu l-impjegati sabiex ikun jista' jiehu in konsiderazzjoni dan is-suggeriment.

5.5 Il-Kunsillier Borg semma wkoll il-bzonn ta' modifiki fil-lasti tal-picc sintetiku. Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi rrangata ladarba kienu ta' periklu.

5.6 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-kunsillieri sabiex jinformaw lill-Kunsill liema sottokumitati kienu qed jiltaqghu u liema membri kienu ghadhom attivi fis-sottokumitati msemmija.

5.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li s-sottokumitat tal-Avvanz tal-Mara kien qed jiltaqa' regolarment u li s-sottokumitat ghaz-zghazagh u sports kien ser jerga' jibda jiltaqa'.

5.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li s-Sottokumitat progetti u informatika ma kienx qed jiltaqa'.

5.9 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li hafna mill-membri tas-Sottokumitat ghall-anzjani kienu rrizenjaw.

5.10 Is-Sindku Nigel Holland talab li l-membri li ma kienux ghadhom membri ta' xi wiehed mis-sottokumitati ghandhom jitnehhew mil-lista ta' membri u li tali lista ghandha tigi aggornata mill-kunsillieri kull darba li jkun hemm xi kambjament.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ircieva l-approvazzjoni necessarja mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex tkun tista' tohrog sejha ghal impjegat gdid. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li s-sejha kienet inharget nel frattemp u kienet ser taghlaq it-Tnejn ta' wara.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-promozzjoni tal-impjegati kienu gew approvati ladarba kien hemm l-approvazzjoni necessarja tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 92-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12014 sa 12030, bir-rizultat:

Favur: 5 (MP, VB, ET, DSH, NH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bit-tibdil fil-mod tal-hlas tat-tipping fees tal-Wasteserv fejn jidher li l-ispiza ser tibda' tinhadem fuq kemm-il tunnellata tintrema'.

7.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-hsibijiet tieghu li l-iskart li jidhol hemm gew irid ikun ikkonfermat li huwa l-iskart li verament gie migbur mil-lokalita' u li ma jkunx skart imhallat ma' dak ta' lokalitajiet ohra.

7.6 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ma jistax jassorbi iktar spejjez u ghalhekk wiehed kellu jikkonferma kif kienet ser tahdem din is-sistema.

7.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kjarifika lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u li ghalissa jibqa' jhallas l-ammont li kien ihallas qabel.

**Nota: 18:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Evalwazzjoni ta' Offerti

### 9.1 FLC/T/2/14 - Collection of Mixed Household Waste

9.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa ill-Kunsill bl-offerti li rcieva l-Kunsill.

9.1.2 Il-Kunsill qabel li dawn l-offerti ghandhom jghaddu ghand l-accountant sabiex tkun tista' ssir l-evalwazzjoni taghhom.

9.1.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris insista li l-evalwazzjoni m'ghandix iddum biex ma jkunx hemm problem f'kaz li xi wiehed mill-offerenti jappella

### 9.2 FLC/T/3/14 - Kiri tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

9.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill li kien hemm zewg offerti.

**Nota: 18:35 Is-Sindku Nigel Holland reġa' attenda għal-laqgħa.**

9.2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni sabiex tintagħżel l-offerta' ta' Leandro Camilleri u Christian Bonnici peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza u peress li kellu d-dokumenti kollha mitluba mill-Kunsill, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, DSH, ET, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Inventarju tal-Assi tal-Kunsill

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetaħ il-materja billi nforma lill-Kunsill li l-inventarju tal-assi tal-Kunsill kien ġie kkompjuterizzat.

10.2 Huwa kompla billi qal li issa jrid isir process twil sabiex l-assi kollha jiġu riveduti fejn hemm bżonn.

10.3 Is-Segretarju talab ukoll li jiġu disponut minn dawn l-assi, li huma "beyond economical repair", u għaldaqstant jinqataw minn fuq il-kotba tal-Assi talKunsill

- OE032 - Kenwood Toaster KTT230
- OE054 - Punch Clock
- CE008 - 1 UPS (A) UPSI (B) SENDON - 500

Il-Kunsill qabel nem com.

## 11.0 Vandalizmu fic-Centru Rikreattiv Re Gorg V

11.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-kaz ricenti li sehh fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghadda l-filmati kollha lill-Pulizija.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien qed jizdied hafna l-vandalizmu fil-gonna tal-Floriana u li kien hemm bzonn li l-Kunsill jara kif ser jirranga s-sitwazzjoni.

11.4 Il-Kunsillier Borg ippropona li jinbidlu whud mill-kameras li hemm fil-KGV.

11.5 Is-Sindku Nigel Holland insista fuq il-bzonn li jigi nstallat monitor fid-Dar tal-Kunsill li juri l-filmati li qed jingibdu mill-kameras kollha. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jaqbel ma' dan il-kuncett fejn il-filmati jkunu qed jigu murija live. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien difficli biex dan isir minhabba li hemm bzonn spiza ta computer iehor.

11.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar li fl-ahhar mill-ahhar il-kameras huma biss deterrent u li l-Kunsill kellu jahseb oltre minn hekk sabiex ikun iktar proattiv.

11.7 Il-Vici Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jibghat cirkolari lir-residenti kollha sabiex iheggeg lil kull individwu jiehu hsieb u jitlob l-ghajnuna taghhom sabiex jitnaqqas il-vandalizmu fil-lokalita' li kull ma jmur qeghda dejjem tizdied. Il-Kunsillier Borg qal li dan jista' jghin sabiex jinstilla

sentiment ta' kburija fost ir-residenti. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 12.0 Bankijiet ta Fuq il-Fosos (Indipendenza)

12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien ghamel kuntatt mal-Partit Nazzjonalista fejn kien tkellem mas-Segretarju sabiex jghaddili l-ittra li l-PN kien bat fiz-zmien fejn assuma responsabbilta' tan-nuqqas tal-bankijiet.

12.2 Il-Vici Sindku informa lill-Kunsill li kienet saritlu offerta' informali u minghajr pregudizzju fejn l-ekwivalenti tad-danni jinghataw lill-Kunsill bhala mezz ta' publicizzar f'valur ta' €1800.

12.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta ladarba l-istazzjoni kien wiehed politiku u ghalhekk il-Kunsill ikun qieghed jiehu naha politika.

12.4 Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tal-Partit Nazzjonalista u qabel li ghandu jkompli l-proceduri li diga kien beda'.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li minkejja li dakinhar tal-festival filghodu, kien hemm xi problemi, ir-rizultat xorta kien dak li mixtieq. Huwa zied jghid li t-temp ma kienx ghen u li l-fatt li kien hemm zewg attivitajiet fl-istess gurnata kien ikkawza nuqqas fl-udjenza.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm kamra tan-nar partecipanti li kienet kisret xi whud mill-kundizzjonijiet tal-festival. Dan kien wassal biex kien hemm xi protesti minn xi kmamar tan-nar ohra. Huwa kompla billi qara l-ittra ta' protest kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-festival.

13.3 Mill-qari tal-kundizzjonijiet tal-festival irrizulta li l-protest gie rregistrat 24 siegha tard u ghalhekk il-Kunsill ma kien fl-ebda dover li jiehu azzjoni. Minkejja dan il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb l-ittra ta' protest xorta wahda.

13.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien ircieva wkoll ittra t'ilment mill-organizzatur Noel Castillo. Huwa kompla billi qal li s-Sur Castillo ma ghandux ikun involut fl-ebda decizjonijiet mittiehda, minhabba li hu jigi mqabbad biss biex jikkoordina l-attivita`.

**Nota: 19:03 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

13.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-iskeda tal-gurija tinghata lil kull kamra partecipant sabiex ikunu assigurati li hemm indipendenza b'mod car bejn il-Kunsill u l-gurija u li l-gurija li ggudikat ghandha l-kompetenza tiggudika dan il-festival u li giet maghzula apposta biex taghmel dan. Is-Sindku irrimarka li dan diga isir.

**Nota: 19:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

13.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lil Noel Castillo jaghti lill-Kunsill il-verzjoni tal-gurija Brockdorff bil-firma tal-istess.

## 14.0 Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien jidher li l-Kunsill kien wasal biex jirrisolvi kwistjoni li ilha pendenti snin.

14.2 Is-Sindku saqsa kif kien baqa' mal-persuna kkoncernata u s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien kellmu u li dan kien informah li kien ser ikellmu sal-ahhar ta' dik il-gimgha.

14.3 Il-Kunsill qabel li ma setax jistenna daqshekk minhabba l-urgenza tas-sitwazzjoni u ghalhekk qabel li ghandu jikkuntattjah minnufih sabiex jinghata risposta.

## 15.0 Master Plan ghall-Floriana

15.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li nzammet rigward il-pjan strategiku u nforma wkoll bil-proposti li l-Kunsill kien ressaq ghal-lokalita'.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland talab lil Kunsillier Edward torpiano kopja tal-abbozz tad-dokument sabiex jigi pprezentat quddiem il-Kunsill.

15.3 Is-Sindku ppropona li tissejjah laqgha pubblika mal-ghaqdiet sabiex jigu diskussi xi proposti. Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha ssir nhar l-Erbgha 14 ta' Mejju fis-7pm.

15.4 Is-Sindku Nigel Holland qara xi proposti mibghuta mill-konsulenti tal-Kunsill fosthom il-proposta li ssir esebizzjoni interattiva, ecc. wkoll li l-konsulenti tal-Kunsill kienu hadu l-punti tematici li hemm fl-istategic plan. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb u jistaqsi x'tinvoli u kemm hi l-ispiza ghal dawn il-proposti.

## 16.0 Hlas mill-Awtorita` tad-Djar ghal xoghol imwettaq mill-Kunsill

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-laqgha kinietx inzammet. Is-Sindku wiegeb li ghal darb'ohra gie mitlub jghaddi l-korrispondenza li ntbaghtet lil Awtorita`.

16.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien wasal zmien li l-Kunsill jaghti skadenza ghal twegiba minhabba li din il-materja ilha pendenti hafna.

16.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mal-Onor. Michael Farrugia indipendentement mil-laqgha mal-Awtorita' tad-Djar. Is-Sindku qabel li ghandu jiehu hsieb din it-talba hu. Il-Kunsill qabel.

16.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li fl-ittra kien ser jinforma li l-laqgha ghandha ssir b'mod imminenti minhabba l-ugenza tas-sitwazzjoni.

## 17.0 Pavimentar ta' Gnien il-Mall

17.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat li kienet tkellmet ma' xi hadd mill-Ministeru ta' Joe Mizzi fejn informatu dwar dan u nformat li ghandha tinghata risposta fi zmien gimghatejn.

17.2 Is-Sindku nforma wkoll li kien tkellem mal-Prim Ministru dwar riflettur li ilu mitfi snin twal

u li hu mwahhal fuq il-Commonwealth Air Forces Memorial. Huwa kompla billi nforma li l-Prim Ministru kien informah li kien ser jiehu hsieb dan l-ilment.

## 18.0 Fondi mill-Unjoni Ewropeja

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien tkellem mas-Sur Triganza rigward dan u qal li hu deher li kien interessat hafna dwar il-possibilta' li jagixxi ta' EU Officer tal-Kunsill.

18.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li ssir laqgha mieghu sabiex il-Kunsill jinforma f'hiex inhu interessat u jigu diskussi l-opportunitajiet offruti.

18.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel laqgha mas-Sur Alfred Triganza il-gimgha ta' wara.

18.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa wkoll li ghamel kuntatt mal-Onor. Ian Borg sabiex jistaqsi jekk hemmx possibilta' jew il-hsieb li jigu allokati xi fondi sabiex tiggi rrangata Pjazza San Publju (il-Fosos).

18.5 Il-Vici Sindku kompla billi qal li hu kien talab laqgha mal-Onor. Borg sabiex jigi diskuss kif jista' jsir dan il-process.

## 19.0 Parkeggi

19.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah il-materja billi saqsa jekk kinietx intalbet laqgha mal-Kurja rigward il-parkeggi. Is-Sindku wiegeb li ghadha ma ntalbitx il-laqgha.

19.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien rega' gie kkuntattjat minn Anglu Fenech rigward il-parkeggi tal-Caritas. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jaghmel eccezzjonijiet u qabel li ghandu jimxi mal-linji gwida ta' Transport Malta.

19.3 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-parkegg ta' quddiem il-Housing Authority. Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li ssir tabella tal-hinijiet u li l-parkegg quddiem il-bieb taghhom ikun keep clear matul dawk il-hinijiet.

19.4 Il-Kunsill qabel li ghalissa ghandu jipprocedi fuq il-parkeggi l-ohrajn.

## 20.0 Bankini u Asfaltar Balzunetta

20.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien ghamel kuntatt mal-kuntrattur Dion Galea u li kellu jiltaqa' mieghu dik il-gimgha.

20.2 Il-Kunsillier Vincet Borg ippropona li l-Kunsill jibda' mill-wisgha halli jilhqu jibdew jinhadmu l-bollards. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghandhom jigu rrangati wkoll il-bollards l-ohrajn. Il-Kunsill approva.

## 21.0 Isle of MTV

21.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ircieva korrispondenza minghand Carina Dimech rigward il-hlasijiet tal-permessi taghhom.

21.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien wiegeb u li kien bat il-kundizzjonijiet li jinhargu ta' kull sena kif ukoll dawk il-modifikazzjonijiet li saru mill-Kunsill. Huwa qal li s'issa ma kien ghad hemm l-ebda risposta.

21.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li ssir laqgha ma' Carina Dimech u saqsiet jekk hux ser issir il-laqgha mar-residenti.

21.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma kienx qed ikun hemm konkorrenza fil-laqgha tar-residenti.

21.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jibghat ittra fejn jistieden lin-nies jipproponu suggerimenti li jistghu itaffu l-problemi li jinqalghu waqt l-Isle of MTV.

21.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li minflok ittra ssir notifika man-notice board u jittella' avviz fuq Facebook, u dan ghaliex l-ufficju bhalissa qied mizghud bix-xoghol. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li hu qed jahdem b'persuna inqas u f'perjodu fejn il-haddiema hadu rwol gdid. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u l-Vici Sindku Matthew Paris offrew li jaghtu l-ghajnuna taghhom jekk ikun hemm bzonn.

21.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li tal-anqas tintbaghat cirkolari wahda li tinkludi l-avvizi kollha msemmija matul il-laqgha. Il-Kunsill qabel.

21.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi s-suggerimenti li jircievi minghand ir-residenti meta jidhlu ladarba ma tistax tinghata deadline peress li ma jkunx hemm certezza meta ser jitqassmu c-cirkolari mill-Maltapost.

21.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-Kunsill kienx ser jitlob lill-ministeru sabiex jithalla parkegg vojt ghar-residenti matul l-Isle of MTV. Il-Kunsill qabel.

## <u>22.0</u> <u>Aġġornament tal-laqgħa</u>

22.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 4 ta' Gunju 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-8.15pm.

~~Nigel Holland~~ Matthew Paris
V/ Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv

## Flores Svetlick J at DLG

**From:** Jean Zarb [jean.zarb@gmail.com]
**Sent:** 28 April 2014 15:24
**To:** Flores Svetlick J at DLG
**Subject:** Re:

Nixtieq nattendi mma ghandi l-ezamijiet tal- MATSEC jibdew din il-gimgha u ghandi bzonn nistudja. Wara l-ezamijiet nista nattendi l-laqghat kollha li tinfurmani bijom. Grazzi

On 25 Apr 2014 15:08, "Flores Svetlick J at DLG" <svetlick.j.flores@gov.mt> wrote:

Sur Jean Zarb

Innota il-kontenut ta l-attachment

Svetlick